MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 75/2012

**Carmelo Galea ID No 467450 (M), Victor Galea ID No 349459(M) Doris Galea ID No. 953844(M) Rita Galea ID No 0087657(M) u ulied Marie Pace, Rita Pace ID no 064367(M), Marlene Busuttil 007869 (M), Karmenu Pace ID No 323672(M) George Pace ID No 495573(M) u Elia Pace ID no 217077(M)**

**vs**

**Alfred Galea**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond numru 27 u 28 sqaq 3, gewwa April Street, Hal-Qormi u parti zghira mill-fond kien bil-kera ghand missieru;

Ghal diversi snin missier l-intimat dahal fil-fond kollu u okkupa l-post kollu;

Illi mal-mewt tal-missier diversi snin ilu l-intimat dahal u okkupa l-fond kollu minflok missieru kemm il-garaxx kif ukoll il-fond adjacenti;

Illi l-intimat halla l-post fi stat ta' abbandun stante li s-saqaf qieghed jitmermer u qieghed f'periklu li jaqa';

Illi l-intimat ma hallasx aktar l-kera u qieghed moruz f'diversi skadenzi;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob sabiex

1. Jordna ix-xoljiment tal-kera rigwardanti l-fond 27 u 28 sqaq 3 gewwa April Street, Hal-Qormi billi jiddikjara li l-istess intimat m'ghandu ebda titlu biex jibqa' jokkupa l-imsemmi fond

2. Jikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss minn dana l-Onorabbli Qorti jirrilaxxa l-fond vakanti favur ir-rikorrenti.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunisdra:

Illi r-rikorrenti f'din il-kawza qieghed jiprevalixxi ruhu mid-dispost tal-artikolu 9(a) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi *inter alia,* ghad-dritt ta' ripreza ta' fond mikri f'kaz illi l-utent kerrej ikun ikkawza *hsara hafna* fil-fond u ma jkunx hallasx puntwalment zewg skadenzi ta' kera;

Illi l-intimat naqas milli jikkontesta din il-kawza b'risposta jew billi jkun prezenti u jirregistra objezzjoni minkejja li kien debitament notifikat b'dawn il-proceduri kontra tieghu.

Illi ezaminati l-atti mhux opposti mill-intimati, jirrizultaw pruvati l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti fir-rikors

promutur. Madanakollu, kwantu l-akkampata morozita', l-gurisprudenza tinsenja illi l-Bord m'ghandux jakkontenta ruhu fuq l-akkampata morozita meta din tirrizulta ghaliex dejjem ghandha ssir indagini ghaliex ma sarx il-hlas tal-kera u dan bl-iskop li tkun evititata s-sanzjoni estrema tal-izgombru jekk dik ir-raguni tista' tkun wahda gustifikata. Dan l-ezercizzju izda ma jistghax isir ghaliex l-intimat ma ressaqx biex jaghti r-ragunijiet tieghu ghan-nuqqas ta' hlas tal-kera;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefigi zmien sittin (60) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------